GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 32 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 24 ta' Marzu 2011, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji
   a) Petty Cash Frar 2011;
   b) Skeda ta' Ħlas Frar 2011;
   c) Business Plan 2011-2013 & Budget;
5. Applikazzjoni tal-GAL
6. Jum Ħal Għaxaq;
7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

## 1. Minuti

Il-Minuti tas-Seduta Nru 31 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Tagħrif mill-Minuti

Dwar item 3.1 is-Sur Carmelo Abela id-Direttur il-Ġdid għall-Kunsilli Lokali ġie l-uffiċċju tal-Kunsill u ntroduċa ruħhu nhar it-Tlieta, 1 ta' Marzu. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju w l-Iskrivana tal-Kunsill laqgħu lis-Sur Abela u tkellmu miegħu dwar xi problemi li jintaqa' magħhom il-Kunsill.

L-Attivitajiet tal-Karnival saru b'suċċess, attendew ħafna nies u faħħru ħafna l-programm li sar mill-Kunsill.

Dwar item 3.8 L-Awtorita' tad-Djar dwar l-Iskema ta' Riġenerazzjoni f'Oqsma tal-Binjiet tal-Gvern informatna li l-Kunsill ser jibbenefika minn din l-iskema fil-2013. Is-Sindku qal li l-Kunsill jista' jibda ix-xogħol la darba jiffirma l-kuntratt mal-Awtorita' u wara jipprovdi l-irċevuti fil-2013 biex jiġu rifonduti l-ispejjeż.

Dwar il-*One Way* ta' Triq il-Milwa, il-Kunsill minn ħames residenti rċċieva tlett ittri li jridu li ssir *One Way*, oħra kontra u resident ieħor ġie l-Kunsill fejn wera ix-xewqa li din it-Triq ma ssirx *One Way*. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lir-residenti u tinfurmahom li l-Kunsill ser jibgħat ittra lil *Trasport Malta* biex iressaq it-talba biex Triq il-Milwa ssir *One Way*.

Is-Segretarju qalet li għamlet appuntament ma' l-Onor. Chris Said, fejn ġew mistiedna l-Kunsillieri kollha iżda attendew is-Sindku, l-Kunsillier Picco u Hi fejn idduskutew l-Iskema tal-PPP dwar it-toroq. Wara diskussjoni sar qbil li t-toroq kbar isiru aktar tard is-sena d-dieħla fl-2012. Il-Kunsill bagħat ittra lill-Onor. Chris Said, il-WSC u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar kontijiet li l-WSC tistenna li nħallsu biex isir ix-xogħol tat-trinek fit-toroq li ser isiru bit-tarmak.

Is-Segretarju qalet li l-ġimgħa li għaddiet l-uffiċċju tal-Kunsill ġew l-Awdituri tal-Gvern biex jivverifikaw l-kotba tal-Kunsill għas-Sena preċedenti. Is-Segretarju qalet li hi flimkien mal-iskrivana kienu lestew kollox u kopja tad-dokumenti intbagħatet lill-Awditur Ġenerali. Dawn l-Awdituri tal-Gvern għamlu l-verifiki tagħhom u issa mistennija jagħmlu r-rimarki tagħhom.

## 3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta & emails):-

1. Infurmaw ukoll li dwar Memo 121/2010 – Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitaijiet 2011, ser nibbeneffikaw €1,835 minnha u l-ftehim ġie ffirmat fil-11 ta' Marzu, 2011.
Infurmaw li ser isir laqgħa dwar Festa Ġemellaġġi 2011 fid-9 ta' Marzu, 2011 il-Kunsill lokali ta' Ħal Qormi u għaliha attendiet is-Segretarju.

Irċevejna wkoll li ser nibbeneffikaw mill-Iskema ta' Finanzjament għall-Enerġija Nadifa, iċ-ċerimonja saret isir fil-21 ta' Marzu, 2011, ġewwa l-Għargħur. ( Memo 10/2011). Fejn ingħatajna s-somma ta' €6,100. Is-Sindku qal li issa jinħareġ *tender* biex isir ix-xogħol tal-*Photovoltaic Panels* fuq il-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

2. Mill-AKL infurmaw dwar il-Ħlas tal-*Performing Rights Society*, l-ammont ta' € 18 li jkopri sena. Il-Kunsill qabel li jitħallsu.

   Infurmaw ukoll li l-proposti fir-rigward tal-laqgħat tas-Sindki, għandhom jintbaghatu sal-aħħar ta' Marzu, 2011.
   Ser issir konferenza nhar it-28 u 29 ta' Marzu, 2001, dwar il-Proġett *Hence* dan hu proġett dwar in-nuqqas tas-CO2 minn pajjiżi madwar l-Ewropa u ser nattendu s-Sindku w s-Segretarju.
   Infurmaw ukoll li ser isir Laqgħa tas-Sindki fl-20 u l-21 ta' Mejju, 2011, ġewwa Lukanda Dolmen min ikun irid iressaq mistoqsijiet lill-Ministru jista' jagħmel dan sa nhar il-Ġimgħa, 29 ta' April, 2011.
   Infurmaw ukoll li ser isir seminar 'Id-Devoluzzjoni tal-Poter : Bejn Ħolma u Realta', is-Sibt ,9 t'April, 2011, ġewwa l-Kunsill Lokali ta' B'Kara.

3. Mill-M.E.P.A. rċevejna dwar l-applikazzjoni Nru. PA 1044/08 dwar xi tibdil li ser isir f' razzett fi Triq G. D'Arena mill-applikazzjoni oriġinali.
   Irċevejna wkoll Applikazzjoni Ġodda PA 5120/10 dwar alterazzjonijiet interni f'sit fi Triq l-Isparvier k/m Triq in-Narċis.
   Irċevejna wkoll Applikazzjoni Ġodda PA 3128/10 dwar installazzjoni ta' bill board fi Triq iċ-Ċimiterju.
   Irċevejna wkoll Applikazzjoni Ġodda PA 5019/10 sabiex jitwessa' bieb ta' garaxx fi Triq il-Ġewwinija.
   Irċevejna wkoll Applikazzjoni Ġodda PA 5232/10 dwar emendi żgħar f'sit fi Triq it-Tumbarellu.
   Irċevejna wkoll Applikazzjoni Ġodda PA 4578/10 dwar bdil fl-użu ta' garaxx ghal ħanut fi Triq St.Marija k/m Triq il-Kunċizzjoni.
   Irċevejna wkoll Applikazzjoni Ġodda PA 00013/11 dwar bdil fil-klassifikazzjoni ta' ħanut u tabella fi Triq it-Terħa.
   Irċevejna wkoll dwar notifiki ta' deċiżjonijiet ( dawn qegħdin annessi).

4. Mill-OPM baghatu informazzjoni dwar L-Iskema Finanzjament għall-Enerġija Nadifa.
   Baghatu jinfurmawna dwar laqgha dwar il-Festa Ġemellaġġ 2011.
   Għarrfuna wkoll li l-Palazz tal-Girgenti ser ikun miftuħ għall-pubbliku fid-9 u l-10 t'April, 2011.

5. Mill-MEUSAC, fejn infurmaw li ser issir laqgħa fil11 ta' Marzu, 2011, dwar IEE fir-rigward tal-Enerġija. Attendiet s-Segretarju.

6. Mill-Awtorita' tad-Djar dwar l-Iskema ta' Riġenerazzjoni f'oqsma tal-binjiet tal-Gvern, fejn infurmaw kif ser ikun mqassam ix-xogħol fuq din l-Isekma għas-snin 2012 u 2013, anness hemm il-ftehim u l-iskeda b'kull lokalita'.

7. Mit-Transport Malta, fejn infurmaw li ser isir *workshop* sabiex tiġi mneddija s-sistema l-ġdida tat-*Road Permit System.* Attendew li skrivana w s-Segretarju.

8. Mill-MEEF, stedina sabiex nipparteċipaw fl-attiviaijiet li ser isir b'konnessjoni mal-*European Year of Volunteering 2011*.

9. Mir-Reġjun tan-Nofsinhar, informa li ser isir ħlas ta' € 125 minn kull Kunsill li dan irid jitħallas kull sena sabiex ikopri l-hlas tas-servizz legali għar-Reġjun Nofsinhar. Il-Kunsill qabel li dawn jitħallsu.

10. Mingħand Silvio Schembri tal-GAL, fejn infurmana li ser ikunu preżenti għal laqgħa li ser isir fuq il-Proġett LIFE +, sabiex jara kif nistgħu nibbenefikaw minnhu biex insebbhu il-gonna pubblici. Is-Sindku qal li dan hu proġett li l-Kunsill jista' japplika biex isir il-ġnien li jinsab f'*Għaxaq By Pass*. Il-Kunsill qabel li napplikaw.

11. Mit-TCTC, fejn infurmaw li ser jitqassam materjal dwar il-korsijiet tal-ECDL flimkien ma' xi tagħrif ieħor.

12. Irċevejna wkoll stedina għal taħriġ mingħand KOPIN, SKOP flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Belt, mit-22 sal-24 ta' Marzu, 2011, dwar *Structured Democratic Dialogue,* ġewwa lukanda *Inter Continental* f'San Ġiljan.

13. Mingħand is-Sur Mallia, fejn bagħat xi prezzijiet tal-*playing fields*.

14. Mingħand l-Avukat Bernard Grech fejn qed jidher ghan-nom tas-sidien u residenti ta' *Trilogu Court*, fi Triq B'buġia dawn qed joġġezzjonaw sabiex ma jsirx *bus shelter* li ser iservi bħala *bus station*.

15. Mill-ECAD, fejn infurmaw li ser isir laqgħa oħra fil-Bulgaria bejn it-12 u t-13 ta' Mejju, 2011.

16. Mill-Leon Promotions fejn infurmaw bil-prezz tal-Banda ta' Buffi/Mużiċisiti Taljani għall-Karnival li huwa ta' € 350 inkluż transport u VAT. Anness ukoll il-programm tal-Ħadd tal-Karnival.

17. Mingħand Schembri Barbros Ltd., fejn infurmaw li għand jonqos bilanċ ta' € 30,228.83 x'jitħallas. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jitħallsu €10,000 oħra minn dan il-kont. Il-Kunsill qabel.

18. Kwotazzjoni mingħand *Anton Zarb Cast Iron Product* dwar il-*Festa Covers*.

19. Kwotazzjoni wkoll mingħand Vincent Caruana ta' €595 VAT inkluz ghal żbir ta' siġar fuq St.Rokku, fil-flats u f'Bir id-Deheb, flimkien ma' xi spejjeż oħra. Il-Kunsill qabel li din il-kwotazzjjoni tiġi milqugħha.

20. Tlett kwotazzjonijiet mingħand R&C Bezzina ta' €390, MRRA ta' €250 u F.Bonnici ta' €413 sabiex tiġi mnaddfa l-*area* ta' Ħas Saptan fejn il-fuel Depot tal-Enemalta. Il-Kunsill qabel li jagħżel l-offerta ta' F. Bonnici minħabba li l-Kunsill għandu esperjenza tax-xogħol li jwettaq is-Sur Bonnici fil-passat. Il-Kunsill qabel.

21. Mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp, fejn qed jistieden lis-Sindku għat-tqegħid tal-fjuri, fid-19 ta' Marzu, 2011.
Stedina oħra għall-Kunsill għal Quddiesa, fid-19 ta' Marzu, 2011 fit-8.00am.

22. Mill-Kunsill Lokali ta' San Ġwann, fejn infurmaw li ser isir skambji bejn il-Kunsilli Lokali, fejn ser jorganizza l-Karnival fi żmien ir-Rebbiegħa.

23. Mill-Kumitat Kanġunt għall-Infurzar Lokali Grupp G, il-Minuti tal-Laqgħa li saret fil-11 ta' Novembru, 2010.

24. Ittra mingħand is-Sinj. Mallia – Skrivana mal-Kunsill, fejn qed tipproponi sabiex minn Skala 13 titla' għal Skala 11. Il-Viċi Sindku qal li s-Sinj. Mallia bħalissa qeda fuq *notch 7* u għalhekk trid titla' għal Skala 11 *notch 7* jiġifieri minn €15,023 titla' għal €17,029.02. Is-Sindku qal li jrid li jekk ikun hemm il-ħtieġa nhar ta' Sibt l-iskrivana tidħol l-uffiċċju. Il-Viċi Sindku qal li jekk din tidhol is-Sibt trid jew titħallas *overtime* jew il-ħin tieħdu *time-in-lieu*. Il-Kunsill qabel li s-Sinj. Mallia titla' Skala 11.

25 Il-Kunsill ircieva kwotazzjoni għas-*CCTV* kamera ta' €283.83 biex titpoġġa minflok dik il-kamera li nħarqet. Il-Kunsill approva x-xiri ta' din il-kamera.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill :- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet e-mail lill-Inġinier Curmi tal-WSC, sabiex jinfurmana meta ser jibda x-xogħol ta' drenaġġ fi Triq l-Iklin.

b) Intbagħatet e-mail lic-CMRU, sabiex tissupplixxini bil-barriers għal waqt l-attivitajiet tal-Karnival.

c) Intbaghatet e-mail lil Mario Schiavone, fejn infurmajnih li fil-lokal jintaqa' grupp *Mother & Baby Club*, u jixtiequ li jibdew jingħataw xi lecturers fuq dan is-suġġett.

d) Intbaghatet e-mail lid-Dumnikani tar-Rabat, fir-rigward ta' għalqa li tinsab fi Triq iż-Żejtun li fil-preżent qed iservi biex in-nies jarmu ż-żibel tagħhom hemm hekk, sabiex ikun jista' jitella' ħajt biex ma jibqax isir hekk. Ġejna mitluba sabiex nagħtu aktar dettaliji dwar dan is-sit.

e) Intbagħatet e-mail lill-Onor. Said, lis-Sur Tabone tad-Dipartiment u wkoll lill-Assoċjazzjoni dwar ħlasijiet marbuta mal-Iskema tal-PPP lill-WSC.

**4. <u>Materji Finanzjarji</u>**

a. *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Frar 2011, li kienu jammontaw għal €79.97. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju talbet li tiġi kkumpensata b'€79.97 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

b. *Skeda ta' Ħlas – Frar 2011*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Jannar 2011 u li jammontaw għal €57,514.39. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

c. *Business Plan 2011-2013 & Budget:* Is-Segretarju ċċirkolat kopji tal-Business *Plan* (Pjan ta' Ħidma) (App. 1) u tal-*Budget* (App. 2) għas-snin 2011, 2012, 2013 fissret l-għan tal-Pjan u tal-*Budget* bħala wieħed li jaħseb biex jintegra dak allokat u mfassal din is-sena ma' snin oħra sussegwenti.

Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament approva l-*Business Plan* u l-*Budget* kif preżentati.

**7. <u>Jum Ħal Għaxaq</u>**

Wara diskussjoni ġie deċiż li Jum Ħal Għaxaq isir nhar il-Ħadd, 8 ta' Mejju, 2010. Il-programm jibda b'quddiesa fid-9.00am. Għadu mhux deċiż lil min ser jingħata Ġieħ Ħal Għaxaq.

Is-Sindku qal li jixtieq li isir *open day* tat-Turretta.

Sar qbil li jsir riċeviment dakinhar fis-7.30pm fis-Sala ta' Kappillan.

Sar qbil ukoll li ssir wirja tal-karozzi Ferrari.

**6. <u>Suġġerimenti mill-Kunsilliera</u>.**

1. Is-Sinjura Agius qalet li l-*water culvert* li jinsab fi Triq Pawlu Cassar hemm bżonn jitnaddaf. Is-Sindku qal li dan diġa' tnaddaf.

2. Is-Sinjura Agius qalet li r-*reserved parking* li hemm Triq Giammari Farrugia tista' titneħħa għax min kien jużha miet. Il-Kunsill qal li din ma tistax titneħħa għax fir-raħal għal kull 50 *parking base* irid ikun hemm waħda *reserved*.

3. Is-Sindku qal li ġiet mitluba *sleeping police* fi Triq Mattew Sciriha. Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra dwar dan lil-*Transport Malta*.

4. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa ta' bozza fi Triq it-Tilliera. Il-Kunsill qabel.

5. Il-Kunsillier Attard qal li residenti ta' Triq ir-Raħħal jixtiequ l-iskip li hemm ħdejn il-ġibjun titneħħa minħabba li qiegħed jintefa' ħafna skart goff ħdejha. Il-Kunsill qal li jekk dawn ir-residenti jagħmlu petizzjoni din l-iskip titneħħa.

6. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinxtraw 100 borża tarmak. Il-Kunsill qabel.

7. Is-Sur Attard qal li fi Triq Dwardu Buttiġieġ hemm rokna li mhux qed titnaddaf. Qal ukoll li d-Dipartiment tal-*Cleansing* qed jibgħat nies tiegħu biex jaraw fejn hemm il-ħmieġ, dawn inaddfuh u jibgħatu l-kont ta' l-ispejjeż il-Kunsill. Is-Sndku qal li ser jiċċekkja dwar dan.

8. Is-Sindku qal li dwar it-Turretta l-aħjar isir appuntament ma' Din l-Art Ħelwa biex dawn jgħinu l-Kunsill b'suġġerimenti x'jista' jsir fit-Turretta. Il-Kunsill qabel.

9. Is-Sindku qal li l-Kunsill jeħtieġ joħroġ *tender* għall-panelli għal Kunsill. Il-Kunsill qabel.

**7. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fil-5.00pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta 5 ta' April 2011, fis-2.00 pm.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**<u>Ikkonfermati:- It-Tlieta, 5 ta' April, 2011, fis-2.00pm.</u>**